MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-10 ta' Novembru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 94/15LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

1. **John Paul Tanti (K.I. numru 375982 (M)), u**
2. **Odette Sammut (K.I. numru 319189(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Bank of Valletta p.l.c.** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") ippreżentat fit-2 ta' Frar, 2015, u kkonfermat bil-ġurament ta' Joseph Caruana (K.I. 709057M) għan-nom u in rappreżentanza tal-istess soċjetà attriċi, li bih u għar-raġunijiet imfissra s-soċjetà attriċi talbet li din il-Qorti:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Briffa datat 15 ta' Mejju 2009 (Dok. "A") is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil John Paul Tanti u Odette Sammut.*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' John Paul Tanti u Odette Sammut fis-somma ta' mija u sebgħa u sebgħin elf, mitejn u sitta u għoxrin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€177,226.87), bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' John Paul Tanti u Odette Sammut mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-14 ta' Novembru 2014 sad-data tal-effettiv pagament, flimkien ma' spejjeż legali oħra.*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi John Paul Tanti u Odette Sammut:*

   *(a) Naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess John Paul Tanti u Odette Sammut li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenuti John Paul Tanti u Odette Sammut ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 20 ta' Frar 2012, li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. "C", sabiex jitħallas id-dejn fuq*

*imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (Dok "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi John Paul Tanti u Odette Sammut (a) naqsu milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess John Paul Tanti u Odette Sammut li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi; u*

2. *Tikkundanna lil John Paul Tanti u Odette Sammut iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u sebgħa elf, mitejn u sitta u għoxrin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€177,226.87) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' John Paul Tanti u Odette Sammut mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-14 ta' Novembru 2014 sad-data tal-effettiv pagament; flimkien ma' spejjeż legali oħra.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 20 ta' Frar 2012 kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

Rat illi l-konvenuti **John Paul Tanti** u **Odette Sammut** (minn issa 'il quddiem "il-konvenuti" għalkemm debitament notifikati naqsu li jippreżentaw risposta maħlufa u għalhekk huma kontumaċi.

Semgħet bil-ġurament lil Rose Corti, Litigation Officer mal-Bank of Valletta p.l.c. li xehdet (a fol. 51 tal-proċess) li mid-data tal-preżentata tar-Rikors Maħluf ma sar l-ebda depożitu akkont mill-konvenuti u li l-ammont għadu kollu dovut.

Semgħet lill-avukat tal-bank attur.

Eżaminat l-atti tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Peress li l-konvenuti naqsu milli jidhru f'dawn il-proċeduri, ma setgħux jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà li tagħtihom il-liġi bl-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12 li jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendu ruħhom kontra t-talbiet tas-soċjetà attriċi.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw ġustifikati.

Fil-kontumaċja tal-konvenuti John Paul Tanti u Odette Sammut, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

**<u>Decide</u>**

**Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi kif dedotta fir-Rikors Maħluf u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Briffa datat 15 ta' Mejju 2009 (Dok. "A") (a fol. 4 sa 12 tal-proċess), billi l-konvenuti John Paul Tanti u Odette Sammut naqsu li jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, billi l-istess konvenuti naqsu li jwettqu l-obbligi l-oħrajn li ntrabtu bihom, u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jolqtu ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess soċjetà attriċi;**

**Tilqa' t-tieni talba tas-soċjetà attriċi billi tikkundanna lill-konvenuti John Paul Tanti u Odette Sammut iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u sebgħa u sebgħin elf, mitejn u sitta u għoxrin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€177,226.87), bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' John Paul Tanti u Odette Sammut mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-14 ta' Novembru 2014 sad-data tal-effettiv pagament, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mis-16 t'Ottubru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenuti, biex iħallsu l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

--------------------TMIEM---------------------